FATTI U FIGURI

ECHA-14-A-02-MT

Rakkomandazzjonijiet prinċipali għall-industrija

# Rapport ta' valutazzjoni 2013: aktar tagħrif, aktar sigurtà

## IL-VALUTAZZJONI TA' DOSSIERS TAR-REĠISTRAZZJONI REACH - RIŻULTATI PRIMARJI U RAKKOMANDAZZJONIJIET PRINĊIPALI GĦALL-INDUSTRIJA

Ir-rapport annwali jispjega l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-ECHA fl-2013, u jenfasizza n-nuqqasijiet l-aktar komuni fid-dossiers tar-reġistrazzjoni u jipprovdi rakkomandazzjonijiet lil reġistranti. Biex titjieb aktar il-kwalità ta' dossiers tar-reġistrazzjoni, ir-reġistranti huma mitluba jaġġornaw b'mod proattiv id-dossiers tagħhom.

### L-EŻITU TAL-VALUTAZZJONI TAD-DOSSIER

L-ECHA teżamina l-proposti kollha biex tittestja sustanzi sabiex tipprovdi d-dejta meħtieġa minn REACH. Tikkontrolla wkoll mhux anqas minn 5% tad-dossiers kollha tar-reġistrazzjoni għall-konformità tagħhom mal-liġi.

Fl-2013, il-punt fokali tal-attivitajiet ta' valutazzjoni kien fuq il-kontroll tal-konformità. L-ECHA ikkontrollat total ta' 1 130 dossiers għal konformità, minn dawk li kienu ppreżentati għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2010. Aktar minn terz tas-sustanzi rreġistrati għal dik l-iskadenza kienu koperti minn dawn il-kontrolli.

Il-kwalità tad-dossiers tar-reġistrazzjoni għad jeħtieġ li titjieb: f'61% tal-kontrolli ta' konformità konklużi fl-2013, l-ECHA talbet aktar informazzjoni mir-reġistranti f'deċiżjonijiet ta' abbozz. Il-bqija tad-39% tal-każijiet kienu konklużi mingħajr il-ħtieġa għal azzjoni.

**Kontrolli ta' konformità konklużi fl-2013**




Deċiżjonijiet ta' abbozz: tal-biet għal aktar informazzjoni.

Magħluqa mingħajr azzjoni

### PROPOSTI TA' TTESTJAR

Fir-rigward ta' proposti ta' ttestjar, l-enfasi tal-ECHA kien fuq il-kontroll ta' dossiers li jistrieħu fuq approċċi ta' read-across u kategorija. L-Aġenzija kkonkludiet 157 kontroll u ħadet 111-il deċiżjoni. F'71 każ, l-ECHA aċċettat it-testijiet proposti mir-reġistranti u f'37 każ, immodifikat għall-inqas wieħed mit-testijiet proposti.

Annankatu 18 Kaxxa Postali 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja | echa.europa.eu

## RAKKOMANDAZZJONIJIET PRINĊIPALI LIR-REĠISTRANTI

Rakkomandazzjonijiet tal-ECHA lil reġistranti iċaqilqu kemxejn il-punt fokali minn snin preċedenti. Filwaqt li tfakkar lir-reġistranti biex iżommu r-reġistrazzjonijiet konsistenti u aġġornati, l-ECHA tħeġġiġhom biex jissostanzjaw b'mod robust kwalunkwe adattament tar-rekwiżiti standard ta' ttestjar. Din id-darba, tingħata attenzjoni speċifika lir-rapporti dwar is-sigurtà kimika. Hekk kif aktar każijiet jiġu vvalutati fl-2014, jeżistu wkoll pariri dwar kif għandek tirreaġixxi meta tirċievi deċiżjoni ta' (abbozz), li titlob għal aktar informazzjoni.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma**rilevanti kemm għal reġistranti fil-ġejjieni** fil-preparazzjoni tad-dossiers tar-reġistrazzjoni tagħhomu **għal reġistranti eżistenti** li jeħtieġu li jaġġornaw.




☐ Reġistranti b'tunnellaġġ baxx (minn tunnellata sa 10 tunnellati metriċi kull sena) - attenti għar-rakkomandazzjonijiet li ġejjin fuq sfond isfar.

### 1. Żommu d-dossier tagħkom aġġornat

*Rilevanti għal reġistranti b'tunnellaġġ baxx*

Huwa d-dmir tagħkom li tippreżentaw u żżommu reġistrazzjoni konformi, għaldaqstant għandkom tkunu proattivi: Integra l-konformità ma' REACH fis-sistema tiegħek ta' ġestjoni tal-kwalità.

Id-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek għandu jkun konsistenti u jirrifletti r-realtà tan-negozju tiegħek.

Ibqa' tkellem fis-SIEF (forum ta' skambju ta' informazzjoni dwar is-sustanza) u fil-katina tal-provvista tiegħek, anke wara li tirċievi n-numru tar-reġistrazzjoni tiegħek.

Ikkontrolla REACH-IT regolament: Dan huwa l-mezz li bih l-ECHA tikkuntattjak dwar kwistjonijiet li jinsabu fid-dossier tiegħek. Jekk inti tirċievi messaġġ, jeħtieġ li twieġeb immedjatament.

Meta inti tipprepara d-dossier tiegħek, uża l-materjal ta' sostenn kollu disponibbli mill-ECHA, inklużi l-gwida, il-plug-ins ta' IUCLID (partikolarment l-Assistent tal-Validazzjoni) u Chesar.

Il-webinars tal-ECHA huma mezz faċli u interattiv biex permezz tagħhom titgħallem dwar żvantaġġi komuni u kif għandhom jiġu evitati.

### 2. Kun af kif għandek tirreaġixxi jekk ikollok deċiżjoni (ta' abbozz)

*Rilevanti għal reġistranti b'tunnellaġġ baxx*

Ibda aħseb b'attenzjoni dwar kif għandek twieġeb immedjatament wara li tirċievi deċiżjoni ta' abbozz. Il-perjodu ta' 30 jum li fih tista' tikkummenta huwa ċ-ċans tiegħek biex tagħti l-opinjonijiet tiegħek u twassal id-dossier tiegħek biex jikkonforma.

Huwa anke aktar importanti li tibqa' titkellem fis-SIEF jekk inti tirċievi deċiżjoni (ta' abbozz) minħabba li dan jista' jkollu impatt fuq ħafna reġistranti bl-istess sustanza: Ipprova kkoordina u wieġeb lill-ECHA b'leħen wieħed.

Ifhem il-proċedura tat-teħid ta' deċiżjoni REACH: L-ispazju għall-immanuvrar u l-ħinijiet stretti jsiru aktar riġidi hekk kif jimxi l-proċess.

Ftakar li l-ECHA u l-Istati Membri jieħdu azzjoni regolatorja biex jgħinu lilek u lill-klijenti tiegħek biex tuża s-sustanza b'sigurtà.



## NUQQASIJIET L-AKTAR FREKWENTI

Jekk l-ECHA issib nuqqasijiet fl-informazzjoni meta tikkontrolla dossier għal konformità mal-liġi, tittieħed deċiżjoni taħt REACH biex titlob l-informazzjoni nieqsa mir-reġistrant. Ħafna minn dawn it-talbiet għal informazzjoni fl-2013 kienu jirrelataw għall-identità tas-sustanza, karatteristiċi fiżikokimiċi, studji ta' tossiċità subkronika, studji ta' tossiċità tal-iżvilupp qabel it-twelid u stima tal-esponiment.

### 3. Issostanzja r-raġunament tiegħek jekk inti taddatta r-reġim standard ta' ttestjar

Rilevanti għal reġistranti b'tunnellaġġ baxx

Kun speċifiku dwar il-bażi legali għal kwalunkwe adattamenti li inti tagħmel u ddikkjara dan b'mod ċar f'kull punt finali; imbagħad iġġustifika u ddokumenta kif inti ssodisfajt il-kondizzjonijiet li jippermettu dan l-adattament.

L-adattament jeħtieġ li jkun adegwat għall-istima tar-riskji, b'livell paragunabbli ta' kunfidenza bħat-test li jkollu l-iskop li jissostitwixxi.

Għal QSAR (relazzjoni struttura-attività kwantitattiva), dan ifisser li d-dokumentazzjoni tkun mehmuża bil-format adegwat fil-post adegwat, biex b'hekk ikun ġustifikat b'mod komplet għaliex il-mudell huwa validu u kif kien applikat għas-sustanza. Billi tipprovdi sempliċiment numru minn mudell mhux speċifikat ma jkunx biżżejjed.

Għal approċċi ta' read-across u ta' kategorija, dan ifisser li turi li s-sustanzi huwa probabbli ħafna li jkunu (eko-)tossikoloġikament simili, preferibbilment b'matriċi ta' dejta. Ipoteżi read-across mingħajr ġustifikazzjoni addattata u dejta ta' sostenn ma tiġix aċċettata.

Jekk teħtieġ li wara kollox tipproponi test ġdid, agħmel dan espliċitament billi tagħżel "studju sperimentali ppjanat" fil-punt finali fil-fajl IUCLID tiegħek.

### 4. Ir-rapport dwar is-sigurtà kimika għandu jirrifletti l-użijiet u r-riskji attwali

Jekk is-sustanza tiegħek hija PBT (persistenti, bijoakkumulattiva u tossika) wara valutazzjoni b'attenzjoni u kontroll tal-Lista tal-Kandidati, uri b'mod ċar fir-rapport dwar is-sigurtà kimika kif qiegħed timminimizza r-rilaxx tagħha.

Meta tasal għad-DNEL (livell derivat bla effett), iġġustifika u ddokumenta kwalunkwe devjazzjoni mill-fatturi awtomatiċi ta' valutazzjoni ppreżentati f'REACH il-Gwida R.8 b'argumenti xjentifiċi li huma speċifiċi għas-sustanza tiegħek.

Meta tivvaluta l-esponiment, ikkunsidra l-ambitu tal-istima tal-esponiment bbażata fuq il-perikli identifikati għas-sustanza.

Meta tuża mudell għall-istima tal-esponiment, ikkunsidra l-qasam ta' applikabbiltà tal-mudell, uża l-parametri xierqa tal-immudellar u ġġustifika l-għażla tagħhom.

Ix-xenarji tal-esponiment fir-rapport għandhom ikunu trasparenti, ikollhom kopertura kompleta u kull wieħed għandu jkun speċifiku. Il-kondizzjonijiet operazzjonali u l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskji għandhom ikunu pprovduti f'biżżejjed dettall u għandhom jiżguraw użu sigur.

## KIF TIRREĠISTRA SUSTANZA: IMPENN GĦAL ŻMIEN TWIL

Jeħtieġ li tistabbilixxi rutina kummerċjali biex tiżgura li d-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek jinżamm aġġornat.

Ir-rapporti ta' valutazzjoni tal-ECHA jservu biex**ifakkru kull sena** kif għandek ittejjeb il-kwalità tar-reġistrazzjonijiet tiegħek. Kull sena, l-Aġenzija tipprovdi rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq in-nuqqasijiet l-aktar komuni fid-dossiers ivvalutati. L-ECHA mbagħad taġġorna u ttejjeb is-sostenn tagħha għal reġistranti ġodda u eżistenti.

## PAĠNI WEB UTLI

paġni web ta' sostenn tal-ECHA - links għal:

- Gwida dwar l-implimentazzjoni ta' REACH, CLP u Bijoċidi
- Gwidi u eżempji prattiċi
- Webinars
- Kuntatti tal-uffiċċji nazzjonali ta' informazzjoni tal-ECHA

echa.europa.eu/support

Valutazzjoni taħt REACH - Rapport ta' Progress 2013 u rapporti preċedenti:
echa.europa.eu/evaluation



© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi - Frar 2014 ECHA-14-A-02-MT - ED-02-13-821-MT-N - ISBN: 978-92-9244-323-8 - DOI: 10.2823/62328

Annankatu 18 Kaxxa Postali 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja | ECHA.EUROPA.EU